MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CHARMAINE GALEA**

Seduta tad-9 ta' Dicembru, 2013

Numru. 608/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Gabriel Micallef)**

**vs**

**Giuseppe Unniemi**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Giuseppe Unniemi, ta’ wiehed u tletin (31) sena, bin Francesco Unniemi u Caterina San Filippo, imwieled Palermo fit-8 ta’ April 1982, residenti Via Peonte 72, Carini (PA), u detentur tal-karta tal-identita’ Taljana bin-numru AT 4310104, akkużat talli:

F’dawn il-Gzejjer fit-8 ta’ Dicembru 2013 u fil-jiem ta’ qabel:

a) Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura id-droga kokajina, specifikata fl-ewwel skeda ta’ l-ordinanza dwar il-medicini perikoluzi, Kap 101 tal-ligijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew ghall uzu ta’ persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) jew minn xi awtorita moghtija mill-President ta' Malta li jforni id-droga u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tas-sitt taqsima ta' l-Ordinanza imsemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xorta ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-regolamenti ta’ l-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta

b) Kellu fil-pussess tieghu id-droga kokajina specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta’ l-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort' ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli ta' l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija wkoll mitluba li f'kaz ta’ htija barra milli tapplika l-piena skond il-ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-artikolu 533 (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti esebiti, inkluz l-ordni ta' l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) ta' l-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap.101), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

Rat illi waqt l-ezami tieghu l-imputat wiegeb li hu hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur tal-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, avzatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u kkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsidra t-twegiba u jerga' lura minnha.

Semghet lill-Ufficjal Prosekutur jiddikjara illi dan kien kaz ta' traffikar *by sharing.*

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena fejn semghet, fost affarijiet ohra, lill-Prosekuzzjoni tiddikjara li l-imputat ghandu jibbenifika mill-*proviso* tal-artikolu 22 (9) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

**<u>Ikkunsidrat:</u>**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmula mill-imputat, il-Qorti ma tistax hlief issib lill-istess imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu.

Illi dwar il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni in-naturi tar-reati, l-ammissjoni bikrija maghmula mill-imputat, il-fedina penali tal-istess imputat fil-ftit jiem li kien ilu hawn Malta, u l-koperazzjoni li huwa kellu mal-Pulizija.

Il-Qorti qieset ukoll illi dan kien kaz ta' *trafficking by sharing*, kif gie iddikjarat mill-Prosekuzzjoni.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsima 4 u 6 u l-Artikoli 22(1)(a), 22(2)(b) (i) u (ii) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, u r-Regolamenti 4 u 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02, fuq ammissjoni, issib lill-imputat hati tal-ewwel u t-tieni akkuza migjuba fil-konfront tieghu, u tikkundannah ghall-piena ta' disa' (9) xhur prigunerija li

b'applikazzjoni tal-artikolu 28A (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta qeghdin jigu sospizi ghal sentejn (2) mil-lum. Il-Qorti qed tikkundanna wkoll lill-imputat ghall-hlas ta' multa ta' hames mitt ewro (€500).

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju, ai termini tal-artikolu 28A (4) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkometti reat iehor punibbli bi prigunerija fi zmien sentejn mil-lum.

Il-Qoti spjegat ukoll lill-imputat illi normalment tali reati jgorru maghhom piena ta' prigunerija effettiva flimkien ma' multa, pero hija qed taghzel li tapplika l-*proviso* ta' artikolu 22 (9) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta wara li hadet in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz fosthom l-ammont ta' droga misjuba fuq l-imputat u l-fatt li l-imputat kellu l-hsieb li jikkonsma l-istess droga flimkien ma' ohrajn fuq il-post. Il-Qorti spjegat ukoll lill-imputat li dan il-beneficcju tal-piena li qed jigi moghti lilu jista' jinghata ghal darba wahda biss.

Illi fir-rigward tat-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'kaz ta' htija, minbarra li tapplika l-piena skond il-Ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti skond l-Artikolu 533(1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' din it-talba stante li ma tressqux provi dwar tali spejjez.

Finalment, il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga esebita bhala Dok. **GM 5**, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi *proces-verbal* li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------